



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Baġits

2009/0089(COD)

3.6.2010

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għall-Baġits

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jwaqqaf Aġenzija għat-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-libertà, sigurtà u ġustizzja
(COM((2010)0093 – C7-0046/2009 – 2009/0089(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Jutta Haug

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Fl-24 ta' Ġunju 2009, il-Kummissjoni adottat pakkett ta' proposti leġiżlattivi biex twaqqaf Aġenzija responsabbli għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tat-teknoloġija tal-informatika ("IT") fuq skala kbira fil-qasam tal-libertà, sigurtà u ġustizzja.

Wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, il-pakkett leġiżlattiv inizjali (il-proposta għal regolament u deċiżjoni tal-Kunsill) kellu bżonn jingħaqad fil-proposta unika emendata għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Il-kompitu ewlieni tal-Aġenzija se jkun li twettaq it-tmexxija operattiva tas-SIS II, tal-VIS u tal-EURODAC, filwaqt li żżomm is-sistemi jaħdmu 24 siegħa kuljum sebat ijiem fil-ġimgħa, biex b'hekk tiżgura fluss kontinwu u bla heda ta' skambju ta' data, mingħajr ma jkollha r-responsabbiltà għad-data mdaħħla fis-sistemi.

Għalkemm tappoġġa l-miri politiċi li l-ħolqien tal-Aġenzija jimmira lejhom, ir-Rapporteur madankollu għandha bżonn tqajjem xi mistoqsijiet mill-perspettiva baġitarja, filwaqt li żżomm f'moħħha li l-punti marbuta mal-missjoni u l-kompiti tal-aġenzija jew anke l-opportunità tal-ħolqien ta' din tal-aħħar jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Kumitat ewlieni.

Baġit

Se jinħolqu żewġ linji baġitarji ġodda għall-iffinanzjar tal-aġenzija mill-baġit tal-UE taħt il-Kapitolu 18 02. L-ispiża totali sal-aħħar tal-qafas finanzjarju hija mistennija li tkun EUR 113 miljun, imqasma kif ġej:

	2010	2011	2012	2013	Total
Spiża finanzjarja totali	1.500	15.500	55.700	40.300	113.000

Kif issemma fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva, dawk l-appropriazzjonijiet se jiġu minn dawk il-linji baġitarji li bħalissa huma dedikati għas-sistemi tal-IT ikkonċernati: 18 02 04 "Sistema ta' informazzjoni ta' Schengen (SIS II)", 18 02 05 "Sistema ta' informazzjoni dwar il-Viża (VIS)" u 18 03 11 "Eurodac". Għalhekk, il-proposta hija kompatibbli mal-ipprogrammar finanzjarju eżistenti.

Dawn il-linji baġitarji huma msejsa kif ġej għall-perjodu 2010-2013, skont l-aħħar figuri tal-ipprogrammar finanzjarju:

	2010	2011	2012	2013	Total
VIS, SIS II, Eurodac FP	58.000	112.000	109.000	122.000	401.000

Peress li l-appropriazzjonijiet li jibqa' (xi EUR 288 miljun) preżentati fil-linji baġitarji għall-VIS, is-SIS II u l-Eurodac baqgħu neċessarji minkejja l-ħolqien tal-aġenzija, ir-Rapporteur tixtieq tesprimi s-sorpriża tagħha li l-ammont globali meqjus neċessarju, inkluż għall-ħolqien ta' aġenzija, jaqbel perfettament mal-ammonti previsti inizjalment fl-ipprogrammar finanzjarju (bla ffrankar u bla spejjeż addizzjonali).

Ir-rapporteur tixtieq tfakkar ukoll li l-ħolqien ta' aġenziji deċentralizzati jwassal sabiex fondi operattivi jintużaw biex ikopru spejjeż amministrattivi. Il-kwistjoni li tkun finanzjata parti mill-ispiża tal-aġenziji permezz tal-Intestatura 5 għandha tkun indirizzata. Il-marġni limitat disponibbli fl-intestatura 3a jsaħħaħ l-argument f'dan is-sens minħabba li jista' ma jkunx possibbli li jkunu finanzjati prijoritajiet oħra tal-Parlament Ewropew. Ir-rapporteur tenfasizza li l-grupp ta' ħidma interistituzzjonali dwar aġenziji regolatorji jippermetti aktar diskussjoni dwar dan il-qasam.

Persunal

B'pass normali l-aġenzija hija mistennija li timpjega 120 membru tal-persunal b'mod gradwali mill-bidu tal-2011 'il quddiem.

Minkejja l-fatt li l-kompiti tal-aġenzija se jiġu trasferiti mill-Kummissjoni, mhu mistenni ebda trasferiment ta' postijiet ta' xogħol mill-Kummissjoni għall-aġenzija:

- għall-Eurodac, 4 uffiċjali u aġenti temporanji u aġent estern bħalissa fi Brussell se "jinħelsu" u se jiġu trasferiti għal prijoritajiet oħra tal-Kummissjoni;
- u madwar 20 uffiċjal u 25 membru tal-persunal estern (aġenti kuntrattwali u esperti nazzjonali sekondati) li jaħdmu fuq l-iżvilupp u l-preparazzjoni tal-operat tas-SIS II u l-VIS se jiġu trasferiti bi qbil mal-istrateġija politika u mal-proċeduri tal-ġestjoni tal-Kummissjoni.

Għalhekk, ir-rapporteur jiddispijaċiha li l-esternalizzazzjoni tal-kompiti għal aġenzija qed tintuża biex jinħelsu xi postijiet ta' xogħol li se jintużaw għal prijoritajiet oħra. Kif rikonoxxut mill-Kummissjoni, huwa biss bl-esternalizzazzjoni tal-kompiti li l-Kummissjoni jirnexxielha tonora l-impenji tagħha li ma titlobx iktar persunal.

Valutazzjoni tal-impatt

Ir-rapporteur tqis li l-Valutazzjoni tal-Impatt provduta mill-Kummissjoni tippreżenta xi dgħufijiet sinifikanti f'dak li għandu x'jaqsam mal-informazzjoni solida u kompleta tal-awtorità leġiżlattiva.

B'mod partikolari, mhux indirizzat b'mod espliċitu għaliex aġenzija għandha bżonn twestaq komputu tekniku li s'issa waqa' taħt ir-responsabilità tal-Kummissjoni.

Barra minn hekk, il-valutazzjoni tal-impatt twettqet fl-2007 u tidher li hi skaduta/inadegwata għal diversi raġunijiet, minkejja titjib kwalitattiv f'paragun ma' dawk li twettqu għall-aġenziji preċedenti:

- ma tqisux l-għażliet kurrenti kollha possibbli;
- ma jissemmiex kif tista' possibilment tindirizza aħjar id-diffikultajiet li tiltaqa' magħhom il-Kummissjoni jew kif il-kompiti tagħha jistgħu jiġu artikolati ma' dawk tal-Kummissjoni, b'mod partikolari minħabba t-tranżizzjoni diffiċli għas-SIS II;
- tqajjem xi tħassib ieħor mill-parlamenti nazzjonali li mhumiex indirizzati, b'mod partikolari fir-rigward tal-protezzjoni tad-data u d-diskonnessjoni bejn ir-responsabilitajiet proposti u n-nuqqas ta' aċċess għad-data;

- l-impatt baġitarju globali tal-ħolqien ta' aġenzija bħal din mhux preżentat b'mod ċar fil-valutazzjoni tal-impatt, kemm għall-baġit tal-Kummissjoni kif ukoll possibilment għall-baġits nazzjonali.

Din mhijiex l-ewwel darba li l-Kummissjoni ppreżentat valutazzjoni tal-impatt jew analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji inkonsistenti (CBA). Ir-rapporteur tqis li l-PE għandu janalizza l-possibilità li, fil-futur, il-Kummissjoni għandha tibgħat l-valutazzjoni tal-impatt/is-CBA tagħha dwar il-ħolqien ta' aġenzija ġdida lill-Qorti tal-Awdituri, sabiex din tagħti opinjoni dwar il-konsistenza tal-valutazzjonijiet tal-impatt u hekk tkun evitata sitwazzjoni bħal din.

Emendi

L-emendi proposti jkopru l-aspetti li ġejjin tal-proposta:

- ir-referenza għall-ġabra kompluta tal-bażijiet legali (l-emendi 1, 3);
- il-protezzjoni tal-prerogattivi tal-PE fil-proċeduri baġitarji u ta' kwittanza, kif ukoll l-iskrutinju parlamentari (l-emendi 2, 11, 19, 20);
- il-kompiti tal-Qorti tal-Awdituri (l-emendi 2, 22);
- il-kompiti tal-Istati Membri ospitanti (l-emendi 4, 14);
- l-implimentazzjoni tal-ABB-ABM għal immonitorjar aħjar tal-attivitajiet u l-baġit tal-aġenzija (l-emendi 5, 9, 10, 16, 17, 20);
- l-attivitajiet reali ta' ġestjoni u supervizzjoni mill-bord ta' tmexxija u kompetenzi adegwati tal-membri tiegħu (l-emendi 6, 7);
- is-segwitu tar-rapporti ta' verifika (l-emenda 8);
- it-tul tal-mandat tad-direttur (l-emenda 12);
- id-daqs raġonevoli tal-bordijiet konsultattivi (l-emenda 13);
- ir-riżultat tal-evalwazzjonijiet tal-aġenzija u l-informazzjoni tal-PE (l-emendi 15, 21);
- l-adattament għat-terminoloġija baġitarja tat-Trattat ta' Lisbona (l-emendi 18, 19);
- il-fażi inizjali tal-Aġenzija u l-appoġġ tal-Kummissjoni (l-emendi 23, 24).

EMENDI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

**Proposta għal regolament
Kunsiderazzjonijiet 1 a u 1 b (ġodda)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej¹ (ir-Regolament Finanzjarju), u b'mod

partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Meju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba, u b'mod partikulari l-punt 47 tiegħu,

¹ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

² ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandha ssir referenza għar-Regolament Finanzjarju (l-Artikolu 185) u għall-Ftehim Interistituzzjonali dwar il-ġestjoni baġitarja u d-dixxiplina baġitarja (l-Artikolu 47) bħala bażi legali għat-twaqqif ta' aġenzija ġdida tal-UE.

Emenda 2

Proposta għal regolament

Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) Sabiex tkun garantita l-awtonomija u l-indipendenza kompleta, l-Aġenzija għandha tingħata baġit awtonomu bi dħul mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea. **Il-proċedura** tal-baġit tal-Unjoni għandha tkun applikabbli **sa fejn ikollhom x'jaqsmu l-kontribuzzjoni tal-Unjoni u kull sussidju ieħor li għandu jitħallas mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.** Il-verifika tal-kontijiet għandha ssir mill-Qorti tal-Awdituri.

Emenda

(12) Sabiex tkun garantita l-awtonomija u l-indipendenza kompleta, l-Aġenzija għandha tingħata baġit awtonomu bi dħul mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea. **L-iffinanzjar tal-Aġenzija hu suġġett għal ftehim tal-awtorità baġitarja kif previst fil-Punt 47 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Meju 2006.** **Il-proċeduri** tal-baġit **u ta' kwittanza** tal-Unjoni għandha tkun applikabbli. Il-verifika tal-kontijiet **u tal-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet li jaqgħu taħthom** għandha ssir mill-Qorti tal-Awdituri.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Referenza għall-ħtieġa ta' ftehim bejn iż-żewġ ferġat tal-awtorità baġitarja dwar l-iffinanzjar tal-Uffiċċju, kif mitlub mill-Ftehim Interistituzzjonali, għandha tkun inserita fil-premessa. Il-premessi għandhom ukoll jagħmlu referenza għall-proċedura ta' kwittanza u

jirriflettu li l-kwittanza tal-aħħar tapplika mhux biss għall-attivitajiet iffinanzjati mill-UE. Barra minn hekk, kif inhi l-prattika bħalissa għal aġenziji oħra tal-UE, l-Aġenzija għandha tkun suġġetta għal verifika tal-legalità u r-regolarità u tat-transazzjonijiet li jaqgħu taħthom tal-kontijiet.

Emenda 3

Proposta għal regolament Artikolu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Aġenzija Ewropea (“l-Aġenzija”) għat-tmexxija operattiva tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II), is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS), l-EURODAC u għall-iżvilupp u t-tmexxija ta' sistemi oħra ta' informazzjoni teknoloġika ("IT") fuq skala kbira, fl-applikazzjoni tat-Titlu V tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea b'dan qed tkun *stabbillita*.

Emenda

Aġenzija Ewropea (“l-Aġenzija”) għat-tmexxija operattiva tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II), is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS), l-EURODAC u għall-iżvilupp u t-tmexxija ta' sistemi oħra ta' informazzjoni teknoloġika ("IT") fuq skala kbira, fl-applikazzjoni tat-Titlu V tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea b'dan qed tkun *stabbilita, bi qbil mal-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju*.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandha tiżdied referenza għar-regola bażika tar-regolament finanzjarju dwar it-twaqqif ta' aġenziji deċentralizzati li fuqha se titwaqqaf l-Aġenzija fl-artikolu dwar id-definizzjoni legali u l-istatus tagħha.

Emenda 4

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-Aġenzija għandu jkollha s-sede tagħha fi [...]

Emenda

4. L-Aġenzija għandu jkollha s-sede tagħha fi [...]. *L-Istat Membru ospitanti għandu jiżgura li l-Aġenzija tibbenefika minn kundizzjonijiet attraenti fir-rigward tal-akkomodazzjoni li għandha tiġi provduta lill-Aġenzija u r-regoli applikabbli għall-persunal u l-membri tal-korpi ta' tmexxija*

tal-Aġenzija, li għandhom jiġu stabbiliti fi ftehim tas-sede.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-dispożizzjoni ta' kundizzjonijiet attraenti bħal dawn m'għandhiex biss tiddependi fuq ir-rieda tajba tal-Istat Membru ospitanti magħżul.

Emenda 5

**Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt j**

Test propost mill-Kummissjoni

(j) qabel il-31 ta' Marzu kull sena, għandu jadotta r-rapport annwali dwar l-attivitajiet tal-Aġenzija għas-sena ta' qabel u jibagħtu l-aktar tard sal-15 ta' Ġunju lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Qorti tal-Awdituri; ir-rapport annwali għandu jkun ippubblikat;

Emenda

(j) qabel il-31 ta' Marzu kull sena, għandu jadotta r-rapport annwali dwar l-attivitajiet tal-Aġenzija għas-sena ta' qabel ***li jqabbel, b'mod partikolari, ir-riżultati miksuba mal-oġettivi tal-programm annwali ta' ħidma***, u jibagħtu l-aktar tard sal-15 ta' Ġunju lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Qorti tal-Awdituri; ir-rapport annwali għandu jkun ippubblikat;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skont il-prinċipji tal-ġestjoni bbażata fuq l-attività u tal-ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività (ABM-ABB), ir-rapport ta' attività annwali tal-Aġenzija għandu jkun relatat mal-oġettivi stipulati fil-programm ta' ħidma, sabiex jagħmilha possibbli li jkun hemm immonitorjar solidu tal-kisbiet tal-Aġenzija.

Emenda 6

**Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt m a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ma) jimmonitorja u jagħti segwitu xieraq lis-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw minn diversi rapporti ta'

**verifika u valutazzjonijiet, kemm interni
kif ukoll esterni;**

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għal pussess u segwitu aħjar tas-sejbiet ta' verifika u ta' evalwazzjoni, il-Bord ta' Tmexxija, li d-Direttur huwa responsabilizzat lejha, għandu jkollu f'idejha b'mod espliċitu l-immonitorjar.

Emenda 7

**Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3**

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-membri tal-Bord ta' Tmexxija għandhom ikunu maħtura fuq il-bażi tal-esperjenza u għarfien espert relevanti ta' livell għoli fil-qasam tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-ġustizzja, libertà u sigurtà.

Emenda

3. Il-membri tal-Bord ta' Tmexxija għandhom ikunu maħtura fuq il-bażi tal-esperjenza u għarfien espert relevanti ta' livell għoli fil-qasam tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-ġustizzja, libertà u sigurtà. ***Dawn għandu wkoll ikollhom il-ħiliet amministrattivi u manġerjali xierqa biex jissodisfaw il-kompiti msemmija fl-Artikolu 9.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-ħiliet tal-membri tal-Bord ta' Tmexxija għandhom ikunu konformi mal-funzjonijiet mogħtija lilhom.

Emenda 8

**Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 5 – punt d**

Test propost mill-Kummissjoni

(d) Jistabbilixxi u jimplementa sistema effettiva biex tippermetti monitoraġġ u evalwazzjoni regolari tas-sistemi tal-IT, inklużi l-istatistika, tal-Aġenzija;

Emenda

(d) Jistabbilixxi u jimplementa sistema effettiva biex tippermetti monitoraġġ, ***verifika*** u evalwazzjoni regolari tas-sistemi tal-IT, inklużi l-istatistika, tal-Aġenzija ***anke f'termini tal-ksib effettiv u effiċenti***

tal-objettivi tal-Aġenzija;

Or. en

Ġustifikazzjoni

B'konformità mal-emenda 6 hawn fuq / mal-Artikolu 9(1), inċiż ma, għandha tiġi applikata wkoll sistema għas-segwitu u l-indirizzar ta' sejbiet tal-verifika, mhux biss fir-rigward tal-verifika finanzjarja u ta' konformità imma wkoll ta' rendiment.

Emenda 9

**Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 6 – punt a**

Test propost mill-Kummissjoni

(a) il-programm ta' ħidma annwali u r-rapport ta' attività annwali tal-Aġenzija wara konsultazzjoni minn qabel mal-Gruppi Konsultattivi;

Emenda

(a) il-programm ta' ħidma annwali u r-rapport ta' attività annwali tal-Aġenzija, ***b'indikazzjoni tar-riżorsi allokatati għal kull attività***, wara konsultazzjoni minn qabel mal-Gruppi Konsultattivi;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skont il-prinċipji tal-ġestjoni bbażata fuq l-attività u tal-ibbaġittjar ibbażat fuq l-attività (ABM-ABB), il-programm ta' ħidma u r-rapport annwali tal-attività tal-Aġenzija għandhom jipprovdu informazzjoni dwar ir-riżorsi allokatati għall-attivitàjiet li huma neċessarji biex jintlaħqu l-objettivi tal-Aġenzija.

Emenda 10

**Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 6 – punt c**

Test propost mill-Kummissjoni

(c) *il-budget għas-sena li ġejja;*

Emenda

(c) *il-baġit għas-sena li ġejja, **stabbilit fuq il-bażi ta' bbaġittjar ibbażat fuq l-attività;***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skont il-prinċipji tal-ġestjoni bbażata fuq l-attività u tal-ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività (ABM-ABB), il-baġit tal-Aġenzija għandu jkun ibbażat b'mod espliċitu fuq l-oġettivi u l-attivitajiet tal-Aġenzija, filwaqt li ssir ir-rabta bejn il-missjoni u l-oġettivi tal-Aġenzija u l-attivitajiet u r-riżorsi tagħha.

Emenda 11

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Qabel ma jinħatar, il-kandidat magħżul mill-Bord tat-Tmexxija jista' jiġi mistieden jagħmel dikjarazzjoni quddiem il-kumitat(i) kompetenti tal-Parlament Ewropew u jwieġeb mistoqsijiet li jagħmlulu l-membri tiegħu/tagħhom.

Emenda

2. Qabel ma jinħatar, il-kandidat magħżul mill-Bord tat-Tmexxija jista' jiġi mistieden jagħmel dikjarazzjoni quddiem il-kumitat(i) kompetenti tal-Parlament Ewropew u jwieġeb mistoqsijiet li jagħmlulu l-membri tiegħu/tagħhom. ***L-opinjoni tiegħu/tagħhom, jekk ikun hemm, għandha titqies qabel il-ħatra.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kwalunkwe opinjoni tal-Parlament dwar il-kandidat magħżul għandha titqies qabel il-ħatra.

Emenda 12

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Il-Bord ta' Tmexxija, li jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni, u jqis ir-rapport ta' evalwazzjoni, u f'dawk il-każijiet biss fejn ikun iġġustifikat mid-dmirijiet u l-ħtiġijiet tal-Aġenzija, jista' jestendi l-mandat tad-Direttur Eżekuttiv darba għal mhux iktar minn tliet snin.

Emenda

4. Il-Bord ta' Tmexxija, li jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni, u jqis ir-rapport ta' evalwazzjoni, u f'dawk il-każijiet biss fejn ikun iġġustifikat mid-dmirijiet u l-ħtiġijiet tal-Aġenzija, jista' jestendi l-mandat tad-Direttur Eżekuttiv darba għal mhux iktar minn tliet snin. ***Id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun fil-kariga għal perjodu ta' mhux iktar minn tmien snin.***

Ġustifikazzjoni

Minħabba s-sensittività tal-kariga, m'għandux ikun possibbli għad-Direttur Eżekuttiv li jibqa' fil-kariga għal iktar minn tmien snin, inkluż permezz ta' applikazzjoni esterna għall-istess kariga wara l-estensjoni tal-mandat tiegħu/tagħha.

Emenda 13**Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2***Test propost mill-Kummissjoni*

2. Kull Stat Membru, kull pajjiż assoċjat mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis Schengen u l-miżuri relatati mal-EURODAC u kif ukoll *l-Kummissjoni* għandu jaħtar membru wieħed għal **kull Grupp Konsultattiv** għal kariga ta' tliet snin, li *tista' tkun imġedda*.

Emenda

2. Kull Stat Membru, kull pajjiż assoċjat mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis Schengen u l-miżuri relatati mal-EURODAC u kif ukoll *il-Kummissjoni* għandu jaħtar membru wieħed għal **wieħed mit-tliet Gruppi Konsultattivi** għal mandat ta' tliet snin, li *jista' jiġġedded, fuq bażi rotanti*.

Ġustifikazzjoni

Biex tkun evitata struttura governattiva li fiha l-membri ta' diversi bordijiet ikunu tant daqs il-membri tal-persunal tal-Aġenzija, il-Kumitati Konsultattivi għandhom ikunu magħmula minn mhux iktar minn terz tan-numru tal-Istati Membri. Dan hu kompatibbli man-natura konsultattiva tagħhom u hu kontrabilanċat mir-rappreżentanza sħiħa tal-Istati Membri fil-Bord ta' Tmexxija.

Emenda 14**Proposta għal regolament
Artikolu 19***Test propost mill-Kummissjoni*

L-arranġamenti meħtieġa dwar l-akkomodazzjoni li għandha tkun ipprovduta lill-Aġenzija fl-Istat Membru ospitanti u l-faċilitajiet li l-Istat għandu jagħmel disponibbli kif ukoll **ir-regoli** partikolari applikabbli fl-Istat *Membri*

Emenda

L-arranġamenti meħtieġa dwar l-akkomodazzjoni li għandha tkun ipprovduta lill-Aġenzija fl-Istat Membru ospitanti u l-faċilitajiet li l-Istat għandu jagħmel disponibbli kif ukoll **regoli** partikolari ***bil-għan li jiżguraw l-***

ospitanti tal-Aġenzija, lid-Direttur Eżekuttiv, il-membri tal-Bord ta' Tmexxija, il-persunal tal-Aġenzija u l-membri tal-familji tagħhom għandhom ikunu stabbiliti fil-Ftehim dwar il-Kwartieri Ġenerali bejn l-Aġenzija u l-Istat Membru ospitanti konkluż wara li jkun approvat mill-Bord ta' Tmexxija. L-Istat Membru ospitanti tal-Aġenzija għandu jipprovdi l-aħjar kundizzjonijiet possibbli biex *jkun* żgurat it-tħaddim bla xkiel tal-Aġenzija inkluż edukazzjoni multilingwali b'dimensjoni Ewropea u konnessjonijiet ta' trasport xierqa.

attrazzjoni tal-Aġenzija għall-persunal, applikabbli fl-Istat *Membru* ospitanti tal-Aġenzija, lid-Direttur Eżekuttiv, il-membri tal-Bord ta' Tmexxija, il-persunal tal-Aġenzija u l-membri tal-familji tagħhom għandhom ikunu stabbiliti fil-Ftehim dwar il-Kwartieri Ġenerali bejn l-Aġenzija u l-Istat Membru ospitanti konkluż wara li jkun approvat mill-Bord ta' Tmexxija. L-Istat Membru ospitanti tal-Aġenzija għandu jipprovdi l-aħjar kundizzjonijiet possibbli biex *ikun* żgurat it-tħaddim bla xkiel tal-Aġenzija inkluż edukazzjoni multilingwali b'dimensjoni Ewropea u konnessjonijiet ta' trasport xierqa.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-iskop ta' dispożizzjonijiet bħal dawn għandu jissewma b'mod espliċitu.

Emenda 15

Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-evalwazzjoni għandha tistima l-utilità, *r-relevanza* u l-effettività tal-Aġenzija u l-prattiċi tax-xogħol tagħha. L-evalwazzjoni għandha tqis l-opinjoni tal-partijiet interessati, fil-livell Ewropew kif ukoll nazzjonali.

Emenda

2. L-evalwazzjoni għandha tistima l-utilità, *ir-relevanza* u l-effettività tal-Aġenzija u l-prattiċi tax-xogħol tagħha. L-evalwazzjoni għandha tqis l-opinjoni tal-partijiet interessati, fil-livell Ewropew kif ukoll nazzjonali. ***Għandha tindirizza, b'mod partikolari, il-bżonn possibbli li l-kompiti tal-Aġenzija jiġu modifikati jew estiżi jew li jintemmu l-attivitajiet tagħha fil-każ li l-irwol tagħha jkun sar superfluwu.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandu jissewma li evalwazzjonijiet regolari jistgħu jirriżultaw ukoll fl-eżami mill-ġdid tal-kompiti jew tal-eżistenza tal-Aġenzija, jekk ikun hemm dan il-bżonn.

Emenda 16

Proposta għal regolament Artikolu 28 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-infiq tal-Aġenzija għandu jinkludi, fost l-oħrajn, il-ħlas tal-persunal, l-ispejjeż amministrattivi u infrastrutturali, l-ispejjeż operattivi u l-infiq li għandu x'jaqsam ma' kuntratti konklużi mal-Aġenzija. Kull sena d-Direttur Eżekuttiv għandu jfassal abbozz ta' dikjarazzjoni tal-estimi tad-dħul u tal-infiq tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja ta' wara u għandu jgħaddihom lill-Bord ta' Tmexxija, flimkien ma' abbozz ta' *pjan għat-twaqqif*.

Emenda

2. L-infiq tal-Aġenzija għandu jinkludi, fost l-oħrajn, il-ħlas tal-persunal, l-ispejjeż amministrattivi u infrastrutturali, l-ispejjeż operattivi u l-infiq li għandu x'jaqsam ma' kuntratti konklużi mal-Aġenzija. Kull sena d-Direttur Eżekuttiv għandu jfassal, ***fuq il-bażi tal-attivitajiet imwettqa mill-Aġenzija***, abbozz ta' dikjarazzjoni tal-estimi tad-dħul u tal-infiq tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja ta' wara u għandu jgħaddihom lill-Bord ta' Tmexxija, flimkien ma' abbozz ta' *organigramma*.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skont il-prinċipji tal-ġestjoni bbażata fuq l-attività u tal-ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività (ABM-ABB), il-baġit tal-Aġenzija għandu jkun ibbażat b'mod espliċitu fuq l-oġettivi u l-attivitajiet tal-Aġenzija, filwaqt li ssir ir-rabta bjen il-missjoni u l-oġettivi tal-Aġenzija u l-attivitajiet u r-riżorsi tagħha.

Emenda 17

Proposta għal regolament Artikolu 28 – paragrafu 6 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) l-abbozz tal-programm ta' ħidma tiegħu,

Emenda

(a) l-abbozz tal-programm ta' ħidma tiegħu, ***flimkien mar-riżorsi umani u finanzjarji antiċipati assoċjati ma' kull attività programmata***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skont il-prinċipji tal-ġestjoni bbażata fuq l-attività u tal-ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività (ABM-ABB), il-programm ta' ħidma tal-Aġenzija għandu jipprovdi informazzjoni dwar ir-

riżorsi allokatati għall-attivitajiet li huma neċessarji biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Aġenzija.

Emenda 18

Proposta għal regolament Artikolu 28 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. Id-dikjarazzjoni tal-estimi *għandha* tintbagħat mill-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (imsejħa l-awtorità tal-baġit) flimkien mal-abbozz ***preliminari*** tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

Emenda

7. Id-dikjarazzjoni tal-estimi *għandha* tintbagħat mill-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (imsejħa l-awtorità tal-baġit) flimkien mal-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-applikazzjoni tan-nomenklatura tat-Trattat ta' Lisbona.

Emenda 19

Proposta għal regolament Artikolu 28 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni

8. Abbażi tad-dikjarazzjoni tal-estimi, il-Kummissjoni għandha ddaħħal fl-abbozz ***preliminari*** tal-baġit *ġenerali* tal-Unjoni Ewropea l-estimi li hi tqis xierqa *għall-pjan ta' stabbiliment* u l-ammont ta' sussidju li għandu jitħallas *lill-baġit ġenerali*, li hi għandha tpoġġi quddiem l-awtorità tal-baġit skont l-Artikolu 314 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Emenda

8. Abbażi tad-dikjarazzjoni tal-estimi, il-Kummissjoni għandha ddaħħal fl-abbozz tal-baġit *ġenerali* tal-Unjoni Ewropea l-estimi li hi tqis xierqa *għall-organigramma* u l-ammont ta' sussidju li għandu jitħallas *mill-baġit ġenerali*, li hi għandha tpoġġi quddiem l-awtorità tal-baġit skont l-Artikolu 314 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ***flimkien ma' deskrizzjoni ta' kwalunkwe differenza bejn id-dikjarazzjoni tal-estimi tal-Aġenzija u s-sussidju li għandu jittieħed mill-baġit ġenerali u ġustifikazzjoni ta' dik id-differenza.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-ewwel parti tal-emendi tirreferi għall-applikazzjoni tan-nomenklatura tat-Trattat ta' Lisbona. It-tieni parti għandha l-għan li ttipprovi lill-awtorità baġitarja b'informazzjoni adegwata fil-każ li l-estimi tal-Aġenzija jkunu modifikati mill-Kummissjoni.

Emenda 20

Proposta għal regolament Artikolu 28 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni

10. Il-baġit tal-Aġenzija għandu jiġi adottat mill-Bord ta' Tmexxija. Għandu jsir finali wara l-adozzjoni finali *tal-budget* ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Fejn hu xieraq, dan għandu jkun aġġustat kif meħtieġ.

Emenda

10. Il-baġit tal-Aġenzija għandu jiġi adottat mill-Bord ta' Tmexxija. Għandu jsir finali wara l-adozzjoni finali *tal-baġit* ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Fejn hu xieraq, dan għandu jkun aġġustat kif meħtieġ, ***flikkien mal-programm annwali ta' ħidma.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fil-każ ta' tnaqqis baġitarju sinifikanti mill-Kummissjoni, l-Aġenzija m'għandhiex tkun mitluba li twettaq l-istess kompiti u attivitajiet b'riżorsi ridotti.

Emenda 21

Proposta għal regolament Artikolu 29 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jibgħat kull sena lill-awtorità baġitarja kull tagħrif ***rilevanti dwar ir-riżultat*** tal-proċeduri tal-valutazzjoni.

Emenda

2. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jibgħat kull sena lill-awtorità baġitarja kull tagħrif ***fir-rigward tar-riżultat*** tal-proċeduri tal-valutazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

M'għandux ikun f'idejn id-Direttur tal-Aġenzija li jiddeċiedi dwar x'inhu rilevanti għall-Parlament.

Emenda 22

Proposta għal regolament Artikolu 29 – paragrafu 4 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**4a. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri għandha tivverifika l-kontijiet tal-Aġenzija u l-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet li jaqgħu taħthom. Din għandha ttiprovdi wkoll, meta jkunu disponibbli, kwalunkwe sejba dwar ir-
rendiment tal-Aġenzija fil-ksib tal-objettivi tagħha b'mod effiċenti u effettiv.**

Or. en

Ġustifikazzjoni

*L-informazzjoni dwar ir-
rendiment tal-aġenziji spiss tkun nieqsa meta l-Parlament jiġi biex jevalwa l-ksib tal-objettivi tagħhom. Filwaqt li ma tistax tintalab il-verifika tar-
rendiment ta' kull aġenzija mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri bir-riżorsi kurrenti tagħha, l-informazzjoni disponibbli dwar ir-
rendiment għandha tintbagħat lill-awtorità ta' kwittanza.*

Emenda 23

Proposta għal regolament Artikolu 32 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Għal din ir-raġuni, sakemm id-Direttur Eżekuttiv j/tassumi d-dmirijiet tiegħu/tagħha wara l-
ħatra tiegħu/tagħha mill-Bord ta' Tmexxija skont l-Artikolu 15 tar-Regolament, il-Kummissjoni **tista'** tassenja numru limitat ta' uffiċjali inkluż wieħed biex iwettaq il-funzjonijiet tad-Direttur Eżekuttiv, fuq bażi temporanja.

2. Għal din ir-raġuni, sakemm id-Direttur Eżekuttiv j/tassumi d-dmirijiet tiegħu/tagħha wara l-
ħatra tiegħu/tagħha mill-Bord ta' Tmexxija skont l-Artikolu 15 tar-Regolament, il-Kummissjoni **għandha** tassenja numru limitat ta' uffiċjali inkluż wieħed biex iwettaq il-funzjonijiet tad-Direttur Eżekuttiv, fuq bażi temporanja.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Qabel ma l-aġenzija tikseb l-awtonomija tagħha, l-assistenza tal-Kummissjoni fil-bidu tat-twaqqif tal-Aġenzija m'għandhiex tkun ipotetika.

Emenda 24

Proposta għal regolament Artikolu 34 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Aġenzija għandha tiegħu *r-responsabbiltajiet* tagħha stabbiliti fl-Artikoli 2 sa 6 mill-1 ta' Jannar 2012.

Emenda

2. L-Aġenzija għandha tiegħu *r-responsabbiltajiet* tagħha stabbiliti fl-Artikoli 2 sa 6 mill-1 ta' Jannar 2012, ***sakemm l-Istati Membri jkunu qablu dwar il-lokalità tas-sede tagħha biżżejjed minn qabel biex ikun possibbli li l-infrastruttura u l-proċeduri bażiċi tagħha jsiru operattivi f'dik is-sede.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din iż-żieda hi maħsuba li tevita sitwazzjonijiet – kif ġara mal-EMSA – li fihom aġenzija tkun twaqqfet provviżorjament f'post differenti minn dak tas-sede definittiv tagħha u kellha tiffaċċa spejjeż addizzjonali biex jerġa' jsir it-trasferiment.